IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2021
COM(2021) 532 final

2021/0283 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-seba' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus f'dak li għandu x'jaqsam mal-kawżi ta' konformità ACCC/C/2008/32 u ACCC/C/2015/128

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-seba' Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus b'rabta mal-adozzjoni prevista tad-Deċiżjoni VII.8f dwar il-konformità mill-Unjoni Ewropea mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus

Il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus")[1] hija ftehim ambjentali multilaterali konkluż taħt il-patroċinju tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE).

Il-Konvenzjoni ta' Aarhus ġiet approvata fis-17 ta' Frar 2005[2] mill-Komunità Ewropea, li għamlet ukoll Dikjarazzjoni hekk kif ġiet iffirmata[3]. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-Ftehim. Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ("ir-Regolament ta' Aarhus") jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE[4].

2.2. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus

Il-Partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Aarhus jiltaqgħu kull erba' snin u wieħed mill-punti permanenti fuq l-aġenda jikkonċerna l-konformità tal-Partijiet mal-Konvenzjoni. Il-konformità tiġi vvalutata mill-Kumitat għall-Konformità stabbilit skont il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 15 tiegħu. Is-sejbiet tal-Kumitat għall-Konformità huma finali.

Is-sejbiet tal-Kumitat jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni lil-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus skont ir-Regola 37 tad-Deċiżjoni I/7 dwar ir-rieżami tal-konformità[5]. Jekk jiġu approvati, dawn jiksbu l-istatus ta' interpretazzjoni uffiċjali tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, u għalhekk huma vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti u għall-Korpi tal-Konvenzjoni.

Id-deċiżjonijiet waqt il-Laqgħa tal-Partijiet ġeneralment jittieħdu b'kunsens. Jekk jiġu eżawriti l-isforzi kollha sabiex jintlaħaq kunsens, id-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet sostantivi jittieħdu b'vot ta' maġġoranza ta' tliet kwarti tal-Partijiet preżenti, li jistgħu jivvotaw[6]. L-UE għandha 27 vot tas-46 vot ġenerali jekk il-Partijiet kollha jkunu preżenti.

Qabel il-Laqgħa tal-Partijiet, il-pożizzjonijiet tal-UE jiġu stabbiliti fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali.

---

1 Kif ippubblikat fuq is-sit web tal-UNECE: http://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/documents/cep43e.pdf

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, ĠU L 124, tas-17.5.2005, p. 1.

3 Id-Dikjarazzjoni tal-UE hija ppubblikata fuq is-sit web tal-UNECE taħt l-intestatura "Dikjarazzjonijiet u Riżervi", ara *https://treaties.un.org/Pages/ViewDetails.aspx?src=IND&mtdsg_no=XXVII-13&chapter=27&clang=_en*

4 ĠU L 264, tal-25.9.2006, p. 13.

5 Disponibbli fuq g0430994.doc (unece.org)

6 Id-Deċiżjoni I/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura (b'mod partikolari r-Regola 35 dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet), ara http://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/documents/mop1/ece.mp.pp.2.add.2.e.pdf

2.3. L-att previst tal-Konvenzjoni ta' Aarhus

Bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru 2021, matul is-seba' sessjoni tagħha, il-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus għandha tadotta d-Deċiżjoni VII.8f f'dak li għandu x'jaqsam mal-konformità tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jiġi ddeterminat jekk l-Unjoni Ewropea hijiex konformi f'dak li għandu x'jaqsam, b'mod partikolari, mal-kawżi ACCC/C/2008/32 u ACCC/C/2015/128 u li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità u possibbilment li jsiru obbligi ta' rapportar regolari u talba lill-Parti kkonċernata biex tieħu miżuri urġenti biex tiżgura l-konformità.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni ppubblikat is-sejbiet fil-kawża ACCC/C/2008/32, ippreżentata mill-organizzazzjoni nongovernattiva (NGO) *ClientEarth*, f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-ġustizzja fil-livell tal-UE[7]. Il-Kumitat iddeċieda li r-regoli tat-Trattat dwar l-aċċess għall-ġustizzja quddiem il-qrati tal-UE, kif interpretati minnhom, u l-kriterji għall-aċċess għar-rieżami amministrattiv skont ir-Regolament ta' Aarhus jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

F'kawża ta' konformità separata, ACCC/C/2015/128,[8] li s-sejbiet tagħha ntbagħtu fis-17 ta' Marzu 2021, il-Kumitat sab li l-UE kienet qed tikser id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni minħabba n-nuqqas ta' għoti ta' aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji għall-membri tal-pubbliku biex jikkontestaw deċiżjonijiet dwar miżuri ta' għajnuna mill-Istat meħuda mill-Kummissjoni Ewropea.

Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda r-Regolament ta' Aarhus[9] u komunikazzjoni dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja[10] b'reazzjoni għas-sejbiet tal-Kumitat fil-kawża ACCC/C/2008/32. Din kienet reazzjoni għat-talba mill-Kunsill[11] lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva u l-impenji tal-Kummissjoni magħmula fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Bħala riżultat finali tal-proċess leġiżlattiv, intlaħaq ftehim politiku fi trilogu fit-12 ta' Lulju 2021 li indirizza t-tħassib kollu tal-Kumitat għall-Konformità fil-kawża ACCC/C/2008/32.

Il-kawża ACCC/C/2015/128 tikkonċerna l-eċċezzjonijiet għall-għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament ta' Aarhus, li ma kienx parti mill-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq. Madankollu, fit-trilogu tat-12 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni bħala parti mill-kompromess li wassal għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Aarhus rivedut, li fiha impenjat ruħha li tivvaluta s-sejbiet f'din il-kawża u li tippubblika l-

---

7 Sejbiet u pariri skont l-ACCC/C/2008/32 disponibbli fuq: https://unece.org/env/pp/cc/accc.c.2008.32_european-union u fuq https://***unece.org/env/pp/cc/accc.m.2017.3_european-union***

8 https://unece.org/sites/default/files/2021-03/C128_EU_findings_advance%20unedited.pdf

9 COM(2020) 642

10 COM(2020) 643

11 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/881 tat-18 ta' Ġunju 2018 li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 u, jekk adatt fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006, ST/9422/2018/INIT, ĠU L 155, 19.6.2018, p. 6–7.

eżitu sa tmiem l-2022. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li sa tmiem l-2023, jekk ikun xieraq, se tressaq miżuri biex tindirizza l-kwistjoni, fid-dawl tal-obbligi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus u filwaqt li tqis ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Din l-inizjattiva tikkonċerna abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li jkopri dawn iż-żewġ kawżi; għaldaqstant, l-UE tista' tesprimi pożizzjoni magħquda fil-Laqgħa tal-Partijiet bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru 2021.

Dwar il-kawża ACCC/C/2008/32, l-UE tistenna li l-Laqgħa tal-Partijiet taqbel li l-miżuri tal-UE, ladarba jiġu adottati u jkunu daħlu fis-seħħ, se jiżguraw il-konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Peress li l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet (MOP - Meeting of Parties) tħejja qabel ma ġiet konkluża formalment il-proċedura leġiżlattiva dwar ir-Regolament ta' Aarhus, jista' jkun meħtieġ li l-UE jkollha titlob li l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-MOP jiġi aġġornat biex jirrifletti bis-sħiħ dan l-iżvilupp sinifikanti ħafna fl-UE.

Dwar il-kawża relatata mal-għajnuna mill-Istat, l-UE se taċċetta deċiżjoni li tirrikonoxxi, iżda li ma tapprovax, is-sejbiet u se terġa' tindirizza l-kwistjoni fil-Laqgħa li jmiss tal-Partijiet, li mistennija ssir fl-2025, filwaqt li tirrapporta lill-Konvenzjoni sal-iskadenzi stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, fis-seba' sessjoni li ġejja tal-Laqgħa tal-Partijiet, l-UE jenħtieġ li taċċetta s-sejbiet fil-kawża ACCC/C/2008/32, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill. Barra minn hekk, l-UE jenħtieġ li tirrikonoxxi s-sejbiet fil-kawża ACCC/C/2015/128 iżda titlob il-posponiment tal-approvazzjoni ta' dawn is-sejbiet għat-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet.

Barra minn hekk, huwa essenzjali wkoll li l-Konvenzjoni tirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-qrati nazzjonali tal-UE bħala qrati ordinarji tad-dritt tal-UE,[12] u tirrikonoxxi s-sistema ta' deċiżjonijiet preliminari skont l-Artikolu 267 tat-TFUE bħala mezz validu ta' aċċess għall-ġustizzja u għar-rimedju fi kwistjonijiet ambjentali. Dan jenħtieġ li jiġi rifless fit-test tad-deċiżjoni adottata fl-MOP.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effett legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[13].

---

[12] Opinjoni 1/09, *Ħolqien ta' Sistema Unifikata għal-Litigazzjoni dwar il-Privattivi*, EU:C:2011:123, paragrafu 80.

[13] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għall-kawża preżenti

Il-Konvenzjoni ta' Aarhus hija korp stabbilit bi ftehim taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-att li l-Laqgħa tal-Partijiet qiegħda tintalab tadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni I/7 dwar ir-rieżami tal-konformità, b'mod partikolari r-Regola 37 tagħha[14].

Min-naħa tiegħu, l-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

4.2.2. Applikazzjoni għall-kawża preżenti

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardjaw il-politika ambjentali.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1).

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

[14] Ikkwotat hawn fuq.

2021/0283 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-seba' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus f'dak li għandu x'jaqsam mal-kawżi ta' konformità ACCC/C/2008/32 u ACCC/C/2015/128

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Frar 2005, il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus")[15] ġiet approvata, f'isem il-Komunità Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE.[16]

(2) Skont l-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-Laqgħa tal-Partijiet kontraenti tista' tadotta deċiżjonijiet dwar il-konformità mal-Konvenzjoni.

(3) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus, matul is-seba' sessjoni tagħha bejn it-18 sal-20 ta' Ottubru 2021, trid tadotta d-Deċiżjoni VII.8f dwar il-konformità mill-Unjoni Ewropea mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni, inkluż is-sejbiet fil-kawża ACCC/C/2008/32 u fil-kawża ACCC/C/2015/128.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konvenzjoni ta' Aarhus, peress li d-Deċiżjoni VII.8f dwar il-konformità mill-Unjoni Ewropea mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni.

(5) L-Unjoni implimentat l-obbligi tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha b'mod partikolari permezz tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("ir-Regolament ta' Aarhus").

(6) Skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, ġie stabbilit il-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus (il-"Kumitat") u għandu l-kompetenza li jagħmel rieżami tal-konformità tal-Partijiet mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

---

15 http://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/documents/cep43e.pdf

16 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

Min-naħa l-oħra, skont ir-Regola 37 tad-Deċiżjoni I/7 dwar ir-rieżami tal-konformità, is-sejbiet tal-Kumitat iridu jiġu approvati mil-Laqgħa tal-Partijiet.

(7) Fis-17 ta' Marzu 2017, l-Unjoni rċeviet is-sejbiet fil-kawża ACCC/C/2008/32 f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-ġustizzja fil-livell tal-UE.[17] Il-Kumitat iddeċieda, fil-paragrafu 123 tas-sejbiet tiegħu li "*il-Parti kkonċernata tonqos milli tikkonforma mal-Artikolu 9, il-paragrafi 3 u 4, tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja mill-membri tal-pubbliku minħabba li la r-Regolament ta' Aarhus ma jimplimenta jew jikkonforma mal-obbligi previsti f'dawk il-paragrafi u lanqas il-ġurisprudenza tal-QĠUE." (traduzzjoni mhux uffiċjali)*

(8) Il-korpi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ġew mgħarrfa bid-Dikjarazzjoni li l-UE kienet għamlet mal-firma u fejn tenniet waqt l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni li "*[f]il-kuntest istituzzjonali u ġuridiku tal-Komunità [...] l-istituzzjonijiet Komunitarji se japplikaw il-Konvenzjoni fi ħdan il-qafas tar-regoli eżistenti u futuri tagħhom dwar l-aċċess għad-dokumenti u regoli rilevanti oħra tal-liġi Komunitarja fil-qasam kopert mill-Konvenzjoni.*"

(9) Il-proċedura ta' rieżami amministrattiv skont ir-Regolament ta' Aarhus tikkomplementa s-sistema ġenerali tal-Unjoni ta' rieżami ġudizzjarju li tippermetti lill-membri tal-pubbliku li jkollhom atti amministrattivi rieżaminati permezz ta' kontestazzjonijiet ġudizzjarji diretti fil-livell tal-Unjoni, jiġifieri skont l-Artikolu 263(4) tat-TFUE, u, f'konformità mal-Artikolu 267 tat-TFUE, permezz ta' qrati nazzjonali, li jiffurmaw parti integrali mis-sistema tal-Unjoni skont it-Trattati. Is-setgħa tal-qrati nazzjonali li jagħmlu talba lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 tat-TFUE għandha rwol essenzjali f'din is-sistema. Skont l-Artikolu 267 tat-TFUE, il-qrati nazzjonali tal-Istati Membri huma parti integrali mis-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja tal-UE bħala qrati ordinarji tad-dritt tal-UE.[18]

(10) Filwaqt li qieset it-tħassib espress mill-Kumitat fil-kawża ACCC/C/2008/32, fl-14 ta' Ottubru 2020 il-Kummissjoni ressqet proposta leġiżlattiva[19] bl-għan li temenda r-Regolament ta' Aarhus, li sar qbil fuqu b'mod informali mill-koleġiżlaturi fi trilogu fit-12 ta' Lulju 2021. Ir-Regolament ta' Aarhus emendat issa jiżgura li d-dritt tal-Unjoni huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali b'mod li jkun kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni u mas-sistema tiegħu ta' rieżami ġudizzjarju.

(11) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat għall-Konformità bid-dettalji tal-ftehim politiku fis-16 ta' Lulju 2021, ipprovdiet lill-Kumitat b'verżjoni konsolidata tat-test fit-23 ta' Lulju 2021 wara l-approvazzjoni tiegħu fil-Coreper, u kkomunikat l-eżitu finali tal-proċedura leġiżlattiva lill-Kumitat għall-Konformità, inkluż it-test ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fi [xxx ta' Ottubru 2021]. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet jenħtieġ li tilqa' dawn il-miżuri l-ġodda u tinnota li, ladarba jkunu fis-seħħ, iwieġbu bis-sħiħ għas-sejbiet tal-Kumitat għall-Konformità fil-kawża ACCC/C/2008/32.

---

17 http://www.unece.org/fileadmin/DAM/env/pp/compliance/C2008-32/Findings/C32_EU_Findings_as_adopted_advance_unedited_version.pdf

18 L-Opinjoni 1/09 tal-Qorti (Seduta Plenarja) tat-8 ta' Marzu 2011, skont l-Artikolu 218(11) tat-TFUE, Ħolqien ta' sistema unifikata għal-litigazzjoni dwar il-privattivi, ECLI:EU:C2011:123, paragrafu 80.

19 COM(2020) 642

(12) Il-Kumitat fil-kawża ACCC/C/2015/128[20], fis-sejbiet tiegħu tas-17 ta' Marzu 2021, sab li l-UE kienet qed tikser il-Konvenzjoni minħabba n-nuqqas ta' għoti ta' aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji għall-membri tal-pubbliku biex jikkontestaw deċiżjonijiet dwar miżuri ta' għajnuna mill-Istat meħuda mill-Kummissjoni Ewropea.

(13) B'rikonoxximent tat-tħassib u tas-sejbiet tal-Kumitat fil-kawża ACCC/C/2015/128, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni bħala parti mill-kompromess li wassal għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Aarhus rivedut li jimpenja ruħu li *"janalizza l-implikazzjonijiet tas-sejbiet u jivvaluta l-opzjonijiet disponibbli. Il-Kummissjoni se tlesti u se tippubblika din il-valutazzjoni sa tmiem l-2022. Jekk ikun xieraq, sa tmiem l-2023, il-Kummissjoni se tressaq miżuri biex tindirizza l-kwistjoni, fid-dawl tal-obbligi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus u filwaqt li tqis ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat."*

(14) Is-sejbiet fil-kawżi ACCC/C/2008/32 u ACCC/C/2015/128 se jiġu ppreżentati lis-seba' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus li għandha ssir f'Ottubru 2021 f'Ġinevra, l-Iżvizzera, permezz tal-abbozz ta' Deċiżjoni VII.8f [21] li biha jiksbu l-istatus ta' interpretazzjoni uffiċjali tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, u għalhekk huma vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti u għall-korpi tal-Konvenzjoni.

(15) Madankollu, fir-rigward tal-kawża ACCC/C/2015/128, f'konformità mad-Dikjarazzjoni msemmija hawn fuq, l-Unjoni jenħtieġ li timpenja ruħha li tanalizza l-implikazzjonijiet tas-sejbiet u li tivvaluta l-opzjonijiet disponibbli fil-qafas u fi ħdan l-ispeċifiċitajiet tal-ordni legali tal-UE. Dan imbagħad jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tlesti u tippubblika l-valutazzjoni indikata fid-Dikjarazzjoni u li tressaq miżuri, jekk ikun xieraq, biex tindirizza l-kwistjoni mqajma mill-Kumitat għall-Konformità, fi ħdan l-iskedi ta' żmien indikati fid-Dikjarazzjoni u filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-ordni legali tal-UE dwar kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipproponi wkoll lil-Laqgħa tal-Partijiet biex tiġi posposta l-approvazzjoni tas-sejbiet fil-kawża ACCC/C/2015/128 għat-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet, minflok ma tapprova dawn is-sejbiet.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-seba' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus fir-rigward tal-abbozz ta' Deċiżjoni VII.8f dwar il-konformità mill-Unjoni mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 għanha tkun li jiġi aċċettat l-abbozz ta' Deċiżjoni msemmi hawn fuq u li jiġu approvati s-sejbiet. Madankollu, l-Unjoni għandha li l-punti li ġejjin ikunu riflessi fid-deċiżjoni:

– Id-deċiżjoni għandha turi s-sodisfazzjon tagħha li l-UE ħadet il-passi kollha meħtieġa biex tiżgura l-konformità mas-sejbiet u biex tipprovdi lill-pubbliku kkonċernat b'aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali f'konformità mal-Artikolu 9(3) u (4) tal-Konvenzjoni. Id-deċiżjoni għandha tiċċara wkoll li ladarba jkunu daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament ta' Aarhus rivedut, l-UE ma tibqax f'nonkonformi fil-kawża ACCC/C/2008/32.

[20] https://unece.org/sites/default/files/2021-03/C128_EU_findings_advance%20unedited.pdf

[21] https://unece.org/environment/documents/2021/08/item-7-b-draft-decision-vii8f-concerning-compliance-european-union.

– F’każ li l-abbozz ta’ Deċiżjoni jtenni ċ-ċaħda mill-Kumitat għall-Konformità tal-proċedura għal sentenza preliminari, din għandha tiġi rrifjutata. Huwa essenzjali li d-Deċiżjoni tirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-qrati nazzjonali tal-UE bħala l-qrati ordinarji tad-dritt tal-UE, u tirrikonoxxi s-sistema ta’ deċiżjonijiet preliminari skont l-Artikolu 267 tat-TFUE bħala mezz validu ta’ rimedju.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni fis-seba’ sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta’ Aarhus fir-rigward tal-abbozz ta’ Deċiżjoni VII.8f dwar il-konformità mill-Unjoni mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni ta’ Aarhus fil-kawża ACCC/C/2015/128 għandha tkun li jiġu rikonoxxuti t-tħassib u s-sejbiet tal-Kumitat għall-Konformità. Id-Deċiżjoni għandha ttenni wkoll il-formulazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, maħruġa fl-aħħar trilogu dwar ir-reviżjoni tar-Regolament ta’ Aarhus fit-12 ta’Lulju 2021.

Skont din id-Dikjarazzjoni:

“*Il-Kummissjoni tibqa’ impenjata li tiżgura li l-UE tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha fi kwistjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-Konvenzjoni ta’ Aarhus u f’dak il-kuntest tirrikonoxxi t-tħassib espress u s-sejbiet adottati mill-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta’ Aarhus fil-kawża ACCC/C/2015/128*[22] *fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat fis-17 ta’ Marzu 2021. Is-sejbiet jistiednu lill-UE biex “tieħu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji u oħrajn meħtieġa biex tiżgura li r-Regolament ta’ Aarhus huwa emendat, jew tiġi adottata leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni Ewropea, biex il-membri tal-pubbliku jiġu pprovduti b’mod ċar b’aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji biex jikkontestaw deċiżjonijiet dwar miżuri ta’ għajnuna mill-Istat meħuda mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE li jmorru kontra d-dritt tal-UE relatat mal-ambjent, f’konformità mal-Artikolu 9(3) u (4) tal-Konvenzjoni”.*

Il-Kummissjoni bħalissa qiegħda tanalizza l-implikazzjonijiet tas-sejbiet u qiegħda tivvaluta l-opzjonijiet disponibbli. Il-Kummissjoni se tlesti u se tippubblika din il-valutazzjoni sa tmiem l-2022. Jekk ikun xieraq, sa tmiem l-2023, il-Kummissjoni se tressaq miżuri biex tindirizza l-kwistjoni, fid-dawl tal-obbligi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha skont il-Konvenzjoni ta’ Aarhus u filwaqt li tqis ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.”

Għaldaqstant, l-Unjoni għandha timpenja ruħha li tanalizza l-implikazzjonijiet tas-sejbiet u li tivvaluta l-opzjonijiet disponibbli fil-qafas u l-ispeċifiċitajiet tal-ordni legali tal-UE. Għandha timpenja ruħha wkoll li tlesti u li tippubblika din il-valutazzjoni sa tmiem l-2022. Barra minn hekk, jekk ikun xieraq, għandha timpenja ruħha li sa tmiem l-2023 tressaq miżuri biex tindirizza l-kwistjoni, fid-dawl tal-obbligi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha skont il-Konvenzjoni ta’ Aarhus u filwaqt li jitqiesu r-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Imbagħad, dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni biex tlesti u biex tippubblika l-valutazzjoni indikata fid-Dikjarazzjoni u li tressaq, jekk ikun xieraq, miżuri biex tindirizza l-kwistjoni mqajma mill-Kumitat għall-Konformità, fi ħdan l-iskedi ta’ żmien indikati fid-Dikjarazzjoni.

Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipproponi wkoll lil-Laqgħa tal-Partijiet biex tiġi posposta l-approvazzjoni tas-sejbiet fil-kawża ACCC/C/2015/128 għat-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet, minflok ma tapprova dawn is-sejbiet.

[22] Ara https://unece.org/env/pp/cc/accc.c.2015.128_european-union, paragrafu 132.

Artikolu 3

Emendi żgħar oħra f'konformità mal-approċċ ta' din id-Deċiżjoni jista' jsir qbil fuqhom waqt il-koordinazzjoni fuq il-post u fid-dawl ta' negozjati possibbli dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni VII.8f.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President